# Flett tal-majjal mimli bl-ispinaċi, irkotta, pruna u ġewz

**Għandek bżonn:**



*2* fletti tal-majjal
200g bejken Streaky
200g spinaċi
100g irkotta
100g pruna
50g ġewz
Tursin frisk
Ftit bżar

**Metodu:**

Iftaħ *pocket* fil-laħam
Qatta l-ispinaċi u t-tursin u ħawwad sew mal-kumplament tal-ingredjenti
Ħawwar bi ftit bżar
Imla l-fletti tal-majjal sew b'din it-taħlita u dawwar bis-Streaky bejken
Geżwer il-fletti bil-*foil*, poġġihom f'dixx bi ftit ilma u aħmi fil-forn, temperatura 190˚Ċ għal madwar siegħa u nofs
Bħala kontorni tista sservi patata l-forn bil-busbies u fażola ħadra mfawwra